MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 200/2011

Kawza fil-lista: 23

**A C f'isimha proprju u fil-kwalita' taghha**
**ta' legittima rapprezentanta ta' bintha B D,**
**nominata kuratrici ad litem b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2011**
**vs**
**E F D, G H I u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat,ipprezentat fis-17 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:- Illi fil-25 ta' Awissu 1998 hija zzewget lil E F D, ta' nazzjonalita' Egizzjana, pero dan iz-zwieg ma rnexiex u

fit-12 ta' Marzu 2010 intavolat rikors guramentat ghal annullamentl ;

Illi fl-ahhar ta' Marzu ta l-2010 l-attrici bdiet relazzjoni ta xahar u nofs mal-konvenut G I u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla B;

Ghaldaqstant talbet li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi missier il-minuri B D mhuwiex l-konvenut E F D, izda l-konvenut G H I u dan occorendo anki permezz tal-hatra ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara li hemm zball fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B liema certifikat jiccertifika li huwa estratt veru mir-registru numru 201/2011 fis-sens illi fejn isem missier B huwa ndikat bhala E F D dan jigi kancellat u sostitwit bil-kliem 'G H I' u dan oltre li jithassru mic-certifikat imsemmi d-dettalji kollha li jirreferu ghal konvenut E F D u jigu sostitwiti bid-dettalji relatati mal-missier naturali ta' B, G H I;

3. Tikkancella l-kunjom D u tissostitwixxieh bil-kunjom tal-missier u cioe 'I' segwit minn dak tar-rikorrenti nomine u cioe 'C'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta guramentata[1] tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ddikjara:-

“1. Illi preliminarjament jinghad li talanqas mill-atti li gew notifikatai lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A C giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri B D skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri B D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu

[1] Folio 18

ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimiha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri B D, kienet wettqet adulterju ma' l-konvenut G H I u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lill-G H I bhala l-missier naturali tal-imsemmi minri B D, u dan *ai termini* tal-artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri B D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu li jgib in-numru ta' skrizzjoni 201 tas-sena 2011;

5. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess G H I sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalja personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita. (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel B D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit B D;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta gurmanetata[2] tal-konvenut' G H I li permezz taghha ddikjara:

"1. Illi jintieg li l-attrici personalment (u mhux sempliciment qua rapprezentanti tal-minuri B) tkun parti

[2] Folio 26

f'dawn il-proceduri ghall-integrita tal-gudizzju u ghalhekk jinhtieg li ssir il-korrezzjoni fl-atti;

2. Illi fil-mertu t-talbiet huma gusti u jimmeritaw illi jkunu milqugha peress illi l-minuri Josemial mhiex il-wild naturali ta' E F D izda l-wild naturali tieghu;

3. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri peress li minkejja li kienet taf l-indirizz tieghu, l-attrici qatt ma avvicinatu qabel il-prezentata ta' dawn il-proceduri u l-esponent qieghed fl-ewwel okkazzjoni jirrikonoxxi l-paternita' tal-minuri B;"

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut G I fejn iddikjara li huwa jaqbel li t-talbiet tal-attrici jisthoqqu li jintlaqghu izda m'ghandux ibati l-ispejjez.

Rat ir-rapport xjentifiku[3] tad-DNA pprezent, u l-konferma tieghu[4] mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat li l-konvenut E F D gie notifikat permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni inkluz estratt f;gazetta lokali[5] izda baqa' kontumaci;

Rat in-nota tal-konvenut G I bid-dettalji personali tieghu sabiex jitnizzlu fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla B D li twieldet fl-4 ta' Janar 2011 u li fl-att tat-twelid taghha numru 201 tas-sena 2011 giet registrata bhala bint il-konvenut E F D hija fil-fatt bint il-konvenut G H I.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici zzewget lill konvenut E F D ta' nazzjonalita Egizzjana, fil-25 ta' Awissu 1998 u wara biss ftit xhur huwa abbanduna d-dar matrimonjali u ma rritornax u hi marret tghix ghand ommha u kompliet il-hajja normali taghha. F'Marzu 2010 bdiet relazzjoni mal-konvenut G I u wara li din ir-relazzjoni, li damet biss ftit gimghat, spiccat, skopriet li kienet inqabdet tqila. It-tarbija twieldet fil-4 ta' Jannar 2011. Fit-18 ta' Marzu 2010 fethet

[3] Folio 31

[4] Folio 39

[5] Folio 47

il-proceduri ghal annulament ma' D u sussegwentement istitwit il-proceduri odjerni.
Illi t-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament illi l-konvenut I huwa missier il-minuri u mhux il-konvenut D.

**Konsiderazzjonijiet**
L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur**.
Fl-ewwel eccezzjoni tieghu d-Direttur eccepixxa illi fl-att promotur hija nieqsa l-awtorizzazzjoni tal-attrici sabiex tagixxi bhala kuratrici ad litem tal-minuri B.  Dan l-aspett gie rizolt b’digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta’ Dicembru 2011.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu d-Direttur invoka l-artikolu 77D tal-Kap 16 sabiex il-Qorti tistieden lill-partijiet involuti jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici. Ghalkemm dan l-artikolu llum jinsab emendat, jirrizulta illi l-konvenut G H I resaq volontarjament ghat-testijiet genetici minn fejn irrizulta li hu missier il-minuri.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu id-Direttur eccepixxa li l-attrici trid tissodisfa l-artikolu 77B tal-Kap 16 fis-sens li trid issir il-prova li bejn it-tliett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri hija kienet ikkommettiet adulterju mal-konvenut G H I.   Dan huwa ammess mill-attrici u konfermat mill-istess konvenut I.

Fir-raba' eccezzjoni tieghu d-Direttur jeccepixxi illi biex tirnexxi fl-azzjoni taghha, l-attrici jehtieg tressaq provi sabiex teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16.  Mill-provi jirrizulta ampjament illi l-pussess ta' stat tal-minuri B ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha peress li sa mit-twelid taghha kienet maghrufa bhala bint il-konvenut I.

Fil-hames eccezzjoni tieghu id-Direttur jesigi li f'kaz ta' akkoljiment tat-talbiet attrici jehtieg li l-konvenut I jipprovdi d-dettalji hemm elenkati, liema dover il-konvenut I onorah bin-nota tieghu pprezentata fis-7 ta' Mejju 2013.

Fis-sitt eccezzjoni d-Direttur jeccepixxi illi fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri stante li dak premess mill-attrici ma jimputax xi nuqqas fuq id-Direttur.   Din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkolta.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut I**.
Il-konvenut G H I jeccepixxi fl-ewwel eccezzjoni tieghu illi kien mehtieg li l-attrici tadixxi lil din il-Qorti mhux biss bhala kuratrici ad litem tal-minuri izda wkoll f'isimha proprju. Jiddikjara illi kien ghalhekk mehtieg korrezzjoni fl-atti sabiex l-attrici tidher ukoll f'isimha proprju.  Din l-eccezzjoni hija fondata. Il-Qorti ghalhekk b'digriet moghti kontestwalment tordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi wara l-kliem  "A C" jizdiedu l-kliem "f'isimha proprju u"

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut I jiddikjara illi huwa jaqbel li hu missier il-minuri B.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut I jeccepixxi illi din il-kawza sehhet tort tal-attrici in kwantu ma giex avvicinat qabel gew istitwiti dawn il-proceduri. Din l-eccezzjoni mhiex fondata in kwantu paternita; naxxenti mill-fatt li l-

omm hija mizzewga ma tistax tigi attakkata jekk mhux bil-mezz ta’ kawza bhal dik odjerna. Ghalhekk din l-eccezzjoni timmerita li tigi respinta.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm l-artikolu 77B fuq citat jistipula li f’kawzi ta’ din ix-xorta il-minuri ghandu jkun konvenut, fil-kawza odjerna il-minuri kienet rapprezentata f’dawn il-proceduri minn ommha l-attrici. Minn dak li rrizulta f’dawn il-proceduri ma jirrizultax illi dan kien ta’ pregudizzju ghad-drittijiet tal-minuri. Il-partecipazzjoni tal-minuri bhala attrici fil-kawza jaghmlu l-gudizzju integru.

Fil-mertu, mill-provi imressqa il-Qorti tikkonkludi illi gew sodisfatti r-rekwiziti stipulati mill-artikolu 77B tal-Kap 16 u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur u tal-konvenut I bil-mod kif fuq spjegat, tilqa’ t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi missier il-minuri B D mhuwiex l-konvenut E Adbdalla D, izda l-konvenut G H I;
2. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B numru 201/2011 isem E Adbdalla D u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellatiu sostitwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut G H I; u jigu kancellati l-kliem “the said”.
3. Tordna li fuq l-att tat-twelid tal-minuri jigi ndikat illi l-minuri jkun maghruf bil-kujom ‘I C’.

Bl-ispejjez kontra l-attrici proprio u l-konvenut G H I in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------